MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2010

Numru. 368/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Moyadin Horan**
**Abdi Mahmoud Warsame**
**Abdunaser Abdulatif**

Kumpilazzjoni Nru: 368/2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

Moyadin Horan, ta’ 30 sena bint Moyadin u Halima, imwielda Mogadisho, Somalia fl-1 ta’ Jannar, 1980 u residenti Hal Far, Centru Miftuh, Hal Far, Malta u detentrici tan-numru tal-Pulizija 09Q-21.

Abdi Mahmoud Warsame ta' 22 sena, iben Warsame u Safiyo, imwieled Mogadisho, Somalia fl-1 ta' Jannar, 1988 u residenti Hal Far, Centru Miftuh, Hal Far u detentur tan-numru tal-Pulizija 09D-177

Abdunaser Abdulatif ta' 19 sena, iben Abdulatif u Ashohashi, imwieled Mogadisho, Somalia fl-1 ta' Jannar, 1989 u residenti Hal Far, Centru Miftuh, Hal Far u detentur tan-numru tal-Pulizija 08U-25.
Akkuzati:

**Lil Moyadin Horan wahedha:**

Talli fit-13 ta' April, 2010, kif ukoll ix-xhur ta' qabel fl-ajruport internazzjonali ta' Malta, ghamlet falsifikazzjoni jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u dan bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Taht l-istess cirkostanzi, f' Malta, tat jew gaghlet taghti xi prospett falz, dikjarazzjoni falza, jew tgharif ta' fatti foloz lill-Ufficjal ta'l-Immigrazzjoni, u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Abdi Mahmoud Warsame u Abdunaser Abdulatif wahedhom:**

Fit-13 ta' April, 2010 u data ta' wara f'Malta, ghamlu uzu jew attentaw jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuna ohra, u dan bi ksur tal-artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi f'Malta, taw jew gaghlu jaghtu xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal tal-Immigrazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom kull wiehed mill-imputati qed jistab hati. Hadet in konsiderazzjoni wkoll il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammisjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Fil-konfront ta' l-imputata Horan hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fatt li hija tqila u li dalwaqt ser twelled u ghalhekk fil-konfront taghha ser taghti sentenza sospieza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata **Moyadin Horan** hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn. U

Wara li rat l-artikolu 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputati **Abdi Mahmoud Warsame** u **Abdunaser Abdulatif** hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikundanna lil kull wiehed minnhom tmien xhur prigunerija.

Il-Qorti spjegat lill-imputata Horan fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghha  u x'jigru jekk tikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------